# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2051

## tad-19 ta’ Diċembru 2018

## dwar l-allinjament tal-kamp ta’ applikazzjoni u tal-kundizzjonijiet għal-liċenzji ġenerali ta’ trasferiment għall-iskopijiet ta’ tiswija u manutenzjoni kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2018) 8610)*

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Istati Membri huma obbligati li jippubblikaw mill-inqas erba’ liċenzji ġenerali ta’ trasferiment.

(2) Il-liċenzji ġenerali ta’ trasferiment huma element ewlieni tas-sistema ta’ liċenzjar issimplifikata li ddaħħlet bid-Direttiva 2009/43/KE.

(3) Id-differenzi fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-liċenzji ġenerali ta’ trasferiment ippubblikati mill-Istati Membri f’termini tal-prodotti relatati mad-difiża koperti u l-kundizzjonijiet diverġenti applikati għat-trasferimenti ta’ dawn il-prodotti jistgħu jfixklu l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE u l-kisba tal-għan tagħha ta’ simplifikazzjoni. L-allinjament tal-approċċi nazzjonali fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni u tal-kundizzjonijiet għat-trasferimenti skont il-liċenzji ġenerali ta’ trasferiment ippubblikati mill-Istati Membri huwa importanti biex jiżgura l-attraenza u l-użu ta’ dawk il-liċenzji.

(4) Il-Kunsill tenna mill-ġdid fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta’ Mejju 2015, il-bżonn tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni, inter alia, tad-Direttiva 2009/43/KE. Wara l-adozzjoni ta’ żewġ rakkomandazzjonijiet preċedenti dwar liċenzji ġenerali ta’ trasferiment għall-forzi armati ([2]) u għar-riċevituri ċertifikati ([3]), il-Kummissjoni ħabbret fil-Pjan ta’ Azzjoni Ewropew għad-Difiża ([4]) u fir-Rapport dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasferimenti ([5]) l-fokus tagħha fuq iż-żewġ liċenzji ġenerali ta’ trasferiment li fadal, li jkopru t-trasferimenti għall-iskopijiet ta’ dimostrazzjoni, evalwazzjoni, wiri, tiswija u manutenzjoni.

(5) L-inizjattiva ta’ din ir-Rakkomandazzjoni kienet appoġġata bil-qawwa mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/43/KE Il-linji gwida stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni jirriflettu r-riżultat tad-diskussjonijiet ta’ grupp ta’ esperti stabbilit taħt dan il-Kumitat.

(6) Din ir-Rakkomandazzjoni tapplika għal-lista ta’ prodotti relatati mad-difiża (li jikkorrispondu għal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea), kif imniżżel fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE. Din ir-Rakkomandazzjoni se tiġi aġġornata meta jkun meħtieġ sabiex tirrifletti l-aġġornamenti futuri tal-lista ta’ prodotti relatati mad-difiża.

(7) Abbażi tad-diskussjonijiet mal-Istati Membri u filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-prodotti (inklużi l-eċċezzjonijiet), bħal pereżempju s-sensittività tagħhom, il-prodotti relatati mad-difiża mniżżla taħt il-punt 1.1 ta’ din ir-Rakkomandazzjoni huma lista minima u mhux eżawrjenti ta’ prodotti li l-Istati Membri jippermettu t-trasferiment tagħhom taħt il-GTL-RM tagħhom. Dan ifisser li l-GTL-RM ippubblikata minn Stat Membru tista’ tippermetti wkoll it-trasferiment ta’ prodotti oħra relatati mad-difiża inklużi fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u li mhumiex elenkati f’din ir-Rakkomandazzjoni.

(8) Fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri fakkru li huma marbuta b’impenji skont id-dritt Ewropew, bħalma hija l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([6]), kif ukoll b’impenji internazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni. F’dan il-kuntest, l-Istati Membri rrikonoxxew id-dikjarazzjoni “Impenn Politiku tal-Istati Membri dwar is-Sigurtà tal-Provvista” ([7]).

([1]) Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

([2]) ĠU L 329, 3.12.2016, p. 101.

([3]) ĠU L 329, 3.12.2016, p. 105.

([4]) COM(2016) 950 final.

([5]) COM(2016) 760 final.

([6]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta’ Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta’ esportazzjonijiet ta’ teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

([7]) Adottata mir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Aġenzija tad-Difiża Ewropea, li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Istati Membri fi ħdan Kunsill fit-3551 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta’ Ġunju 2017.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## 1. LIĊENZJI ĠENERALI TA' TRASFERIMENT GĦAT-TISWIJA U L-MANUTENZJONI

L-Istati Membri huma rakkomandati li jadattaw il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment tagħhom għat-tiswija u l-manutenzjoni b'konformità mal-elementi li ġejjin.

### 1.1. Prodotti relatati mad-difiża eliġibbli għal trasferiment taħt il-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għall-iskopijiet ta' tiswija u manutenzjoni kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE

Dawn il-kategoriji ML li ġejjin huma subsett tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża, kif stabbilit fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE. Il-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għall-iskopijiet ta' tiswija u manutenzjoni (GTL-RM) għandha, bħala minimu, tippermetti t-trasferiment tal-prodotti relatati mad-difiża speċifikati fil-kategoriji ML ta' hawn taħt. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinkludu fil-GTL-RM tagħhom aktar kategoriji ML mal-prodotti relatati mad-difiża korrispondenti.

Il-lista tal-kategoriji ML li għandhom jiġu koperti bħala minimu:

- ML 3. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
  - Submunizzjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-Konvenzjoni dwar il-munizzjonijiet dispersivi;
  - Projettili ggwidati terminalment;
  - Munizzjonijiet, projettili u karigi propulsivi, iddisinjati apposta għall-użu militari.
- ML 4. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
  - Sottopunt 4.a) Bombi, torpidows, rokits, missili, apparati u karigi oħra u komponenti ddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari;
  - Sottopunt 4.b) Komponenti ddisinjati apposta għall-iskop tal-isparar, it-tqegħid, id-distrazzjoni, l-iġġammjar u t-tfixkil li jaqgħu fi ħdan is-sottopunt ML4.a).
- ML 5. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
  - Sottopunt 5.b) Sistemi ta' akkwist, desinjazzjoni, telemetrija, sorveljanza jew insegwiment tal-bersall; tagħmir ta' sejbien, ta' fużjoni tad-data, ta' rikonoxximent jew ta' identifikazzjoni; u tagħmir għall-integrazzjoni tas-sensur;
  - Sottopunt 5.c) Tagħmir ta' kontromiżura għall-oġġetti speċifikati minn ML5.a. jew ML5.b.

  Il-prodotti kollha għandhom jitwasslu mingħajr il-komponent ta' ċifraġġ u mingħajr bażi tad-data integrata.
- ML 6. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
  - Vetturi kompluti;
  - Xażi u turretti li jaqgħu taħt is-sottopunt ML6.a);
  - It-tagħmir u l-komponenti tat-tagħmir esklużi mill-kategoriji ML l-oħra.
- ML 7. Il-prodotti li jmiss huma inklużi:
  - Sottopunt 7.f) Tagħmir protettiv u ta' dekontaminazzjoni, iddisinjat jew modifikat apposta għall-użu militari, komponenti u taħlitiet ta' sustanzi kimiċi;
  - Sottopunt 7.g) Tagħmir iddisinjat jew modifikat apposta għall-użu militari, iddisinjat jew modifikat għas-sejbien jew l-identifikazzjoni ta' materjali speċifikati minn ML7.a, ML7.b jew ML7.d, u komponenti ddisinjati apposta għal dan.
- ML 8. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:
  - Is-sustanzi b'dawn il-karatteristiċi li ġejjin kollha:
    - Veloċità ta' detonazzjoni daqs jew akbar minn 8 000 m/s;
    - Densità daqs jew sa 1,80g/cm$^3$.
  - L-isplussivi kollha, kif ġej, u t-taħlitiet relatati:
    - Sottopunt 8.a.15) HNS (eżanitrostilben) (CAS 20062-22-0);
    - Sottopunt 8.a.21) RDX u derivattivi, kif ġej:
      - RDX (ċiklotrimetilentrinitrammina, ċiklonit, T4, eżaidro-1,3,5-trinitro-1,3,5-triażin, 1,3,5-trinitro-1,3,5-triaża-ċikloeżan, eżoġenu jew eżoġene) (CAS 121-82-4);
      - Keto-RDX (K-6 jew 2,4,6-trinitro-2,4,6-triażaċikloeżanon) (CAS 115029-35-1);

— Sottopunt 8.a.23) TATB (triamminotrinitrobenżen) (CAS 3058-38-6).

— Is-sustanzi kollha li jistgħu jintużaw direttament jew indirettament fil-produzzjoni tal-armi tas-submunizzjonijiet li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi, iffirmata f'Oslo fit-3 ta' Diċembru 2008, minbarra fir-rigward tal-Istati Membri li rratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi.

— ML 9. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:

— Bastimenti tal-gwerra kompluti (tal-wiċċ jew ta' taħt l-ilma) li jaqgħu fi ħdan is-sottopunt ML9.a);

— Bwieq sħaħ;

— Oġġetti taħt ML9.c) Apparat ta' sejbien ta' taħt l-ilma, iddisinjat apposta għall-użu militari, u l-kontrolli u l-komponenti tiegħu ddisinjati apposta għall-użu militari.

— ML 10. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:

— Inġenju tal-ajru komplut, vetturi eħfef mill-arja, vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ li jaqgħu taħt is-sottopunt ML10.a) jew ML10.c);

— Oqfsa tal-inġenji tal-ajru tal-ġlied u tal-ħelikopters tal-ġlied;

— Magni tal-inġenji tal-ajru tal-ġlied;

— It-tagħmir u l-komponenti tat-tagħmir esklużi mill-kategoriji ML l-oħra.

— ML 11. il-prodotti li jmiss huma inklużi:

— Sottopunt ML11.a)g. Tagħmir ta' gwida u navigazzjoni minbarra oġġetti ddisinjati jew modifikati apposta għall-missili, ir-rokits, il-lanċjaturi tal-ispazju u l-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ ("UAVs");

— Sottopunt ML11.a)h. Tagħmir ta' trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet bir-radju troposcatter diġitali;

— Sottopunt ML11.a)j. Sistemi ta' kmand u kontroll awtomatizzati.

— ML 13. Il-prodotti kollha huma inklużi.

— ML 14. Il-prodotti kollha huma inklużi.

— ML 15. Il-prodotti kollha huma inklużi.

— ML 16. Il-prodotti kollha huma inklużi, ħlief:

— Kwalunkwe oġġett relatat ma' prodotti marbuta mat-teknoloġija ballistika u l-proliferazzjoni CBRN.

— ML 17. Il-prodotti li jmiss huma inklużi:

— Sottopunt ML17.b) Tagħmir tal-kostruzzjoni ddisinjat apposta għall-użu militari;

— Sottopunt ML17.d) Tagħmir għall-assistenza teknika fuq il-post iddisinjat apposta għall-użu militari;

— Sottopunt ML17.j) Kmamar mobbli tat-tiswija ddisinjati jew modifikati apposta għall-manutenzjoni ta' tagħmir militari;

— Sottopunt ML17.k) Ġeneraturi ta' fuq il-post iddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari;

— Sottopunt ML17.l) Kontejners iddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari;

— Sottopunt Ml17.m) Laneċ, minbarra dawk speċifikati xi mkien ieħor fil-lista Militari Komuni tal-UE, pontijiet u pontuni, iddisinjati apposta għall-użu militari;

— Sottopunt ML17.o) Tagħmir ta' protezzjoni mil-laser iddisinjat apposta għall-użu militari.

— ML 21. Il-prodotti li jmiss huma inklużi:

— Sottopunt ML21.a) Softwer iddisinjat jew modifikat apposta għall-użu tal-prodotti mniżżla fil-GTL;

— Sottopunt ML21.b)4. Softwer iddisinjat apposta għall-użu militari u ddisinjat apposta għal Kmand, Komunikazzjonijiet, Kontroll u Intelligence (C3I) jew applikazzjonijiet ta' Kmand, Komunikazzjonijiet, Kontroll, Kompjuter u Intelligence (C4I).

— ML 22. Dan li ġej huwa inkluż:

— It-teknoloġija meħtieġa għall-użu tal-oġġetti permessi fl-istess liċenzja ġenerali ta' trasferiment.

### 1.2. Kondizzjonijiet li għandhom jiġu inkorporati fil-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għall-iskopijiet ta' tiswija u manutenzjoni

Din il-lista ta' kundizzjonijiet mhijiex eżawrjenti. Madankollu, kundizzjonijiet oħra miżjuda minn Stat Membru ma jridux jikkontradixxu jew jimminaw il-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Validità ġeografika: | Żona Ekonomika Ewropea ([1]) |
| Trasferiment għal tiswija: | Trasferiment ta' prodott relatat mad-difiża għall-iskop tat-tiswija tiegħu u mhux għall-aġġornament jew it-titjib tiegħu f'termini ta' titjib tal-prestazzjoni. |
| Trasferiment għal manutenzjoni: | Trasferiment ta' prodott relatat mad-difiża għall-iskop tal-manutenzjoni tiegħu u mhux għall-aġġornament jew it-titjib tiegħu f'termini ta' titjib tal-prestazzjoni. |
| Ritorn: | L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu l-eżistenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasferiment oriġinali tal-oġġett li jiġi rritornat wara t-tiswija. L-Istati Membri għandhom jagħżlu waħda minn dawn l-għażliet għar-ritorn ta' prodott relatat mad-difiża wara t-tiswija jew il-manutenzjoni:<br>(a) Eżenzjoni mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel b'konformità mal-Artikolu 4(2)(e) tad-Direttiva 2009/43/KE;<br>(b) Pubblikazzjoni ta' liċenzja ġenerali ta' trasferiment speċifika għar-ritorn tal-prodotti relatati mad-difiża wara t-tiswija jew il-manutenzjoni, b'mill-inqas l-istess lista ta' prodotti relatati mad-difiża eliġibbli;<br>(c) Inkorporazzjoni tar-ritorn fil-liċenzja ġenerali ta' trasferiment għat-tiswija u/jew il-manutenzjoni. |
| It-tul taż-żmien: | L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw limitu ta' żmien għar-ritorn ta' prodott relatat mad-difiża. |

## 2. SEGWITU

L-Istati Membri huma mistiedna jagħtu effett lil din ir-Rakkomandazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2019.

L-Istati Membri huma mħeġġa biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura meħuda biex tagħti effett lil din ir-Rakkomandazzjoni.

## 3. DESTINATARJI

Din ir-Rakkomandazzjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Elżbieta BIEŃKOWSKA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 111/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (ĠU L 318, 28.11.2013, p. 12), li inkorporat id-Direttiva 2009/43/KE fil-Ftehim taż-ŻEE inkludiet test ta' adattament espliċitu: "*Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.*"